

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT**Piotr SERAFIN****Il-Baġit, il-Ġlieda kontra l-Frodi, l-Amministrazzjonijiet Pubbliċi****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?

Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Minn dejjem kont impenjat lejn l-idea ta' kontinent Ewropew b'saħħtu u magħqud. Wettaqt il-karriera professjonali u politika kollha tiegħi fis-servizz pubbliku, u l-Ewropa u l-Unjoni Ewropea dejjem iffurmaw il-qafas usa' tal-ħidma tiegħi. Kelli firxa ta' karigi relatati mal-affarijiet tal-UE kemm fi ħdan l-amministrazzjoni Pollakka kif ukoll dik Ewropea, ħafna minnhom marbuta direttament ma' kwistjonijiet relatati mal-baġit. Fl-ewwel impjeg tiegħi, kont kburi li appoġġajt lill-Kap Negozjatur tal-adeżjoni tal-Polonja mal-Unjoni Ewropea. Fis-Summit storiku tal-2002 f'Copenhagen, li matulu ntlaħaq qbil dwar in-negozjati tal-adeżjoni ta' għaxar pajjiżi, jiena tajt parir dwar il-pakkett finanzjarju u dwar kwistjonijiet relatati mal-baġit tal-UE. Kont involut ukoll fil-kampanja qabel ir-referendum Pollakk dwar l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, inkluż bħala koawtur ta' rapport dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji tas-sħubija fl-UE. Fil-Gvern Pollakk, kelli kemm rwoli tas-servizz ċivili kif ukoll politiċi, inkluż bħala Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, bħala s-Sherpa tal-UE tal-Prim Ministru u, l-aktar reċenti, bħala r-Rappreżentant Permanenti tal-Polonja għall-UE. L-esperjenza tiegħi fl-istituzzjonijiet tal-UE tinkludi l-ħidma mal-Membru tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ipprogrammar Finanzjarju u l-Baġit, is-Sur Janusz Lewandowski, u għas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bħala Direttur għall-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni. Iżda l-aktar rwol importanti tiegħi, u f'ħafna aspetti, l-aktar rwol formattiv tiegħi kien li naħdem għall-President tal-Kunsill Ewropew, is-Sur Donald Tusk, bħala Kap tal-Kabinett tiegħu. Matul dawn l-esperjenzi, żviluppajt fehim komprensiv tal-UE, li jkopri virtwalment l-aspetti politiċi, finanzjarji u legali kollha tagħha. Fl-istess ħin, urejt impenn sod għall-interess Ewropew, l-għaqda tal-Ewropa u l-indipendenza professjonali tiegħi stess, kemm fil-ftehimiet kif ukoll fid-deċizzjonijiet li għent nipprepara.

Ninsab ħerqan li nsahha l-Unjoni Ewropea u l-għaqda tagħha, sabiex inkompli ntejjeb is-sigurtà tal-Ewropej, il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u l-kwalità tal-ħajja tan-nies. Jekk niġi kkonfermat u fdat bir-responsabbiltà għall-baġit tal-UE, se nikkontribwixxi biex din il-Kummissjoni ssir Kummissjoni tal-Investment. Se nistinka biex inbidel il-prijoritajiet politiċi attwali u futuri tagħna f'riżultati li jagħmlu differenza reali għan-nies ordinarji madwar il-kontinent. F'dan l-ispirtu, jekk niġi kkonfermat, se nagħmel kull sforz biex nilħaq ftehim f'waqtu dwar Qafas Finanzjarju Pluriennali li jkun adattat għall-iskop tiegħu. Fl-istess ħin, se nimpenja ruħi bla heda biex niżgura li kull ċenteżmu tal-flus tal-kontribwenti Ewropej ikun protett biżżejjed mill-frodi u minn irregolaritajiet oħra.

Barra minn hekk, se nistinka biex nikseb servizz ċivili Ewropew saħansitra aktar modern, divers u flessibbli b'forza tax-xogħol b'talent u impenjata. Is-servizz ċivili Ewropew tagħna, u b'mod partikolari l-forza tax-xogħol tal-Kummissjoni Ewropea, se jkunu minn ta' quddiem fit-twettiq tal-prijoritajiet politiċi għall-mandat li jmiss. Jekk niġi kkonfermat, nixtieq nagħmel lill-Kummissjoni aktar rappreżentattiva tan-nies li nservu. Għamilna ħafna progress f'termini ta' bilanċ bejn il-ġeneri fost il-maniġment, iżda huma meħtieġa aktar sforzi. B'mod aktar ġenerali, l-Unjoni tagħna għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha servizz ċivili ddedikat u b'ħiliet għolja. Dan

huwa essenzjali fid-dawl tal-għadd dejjem jikber ta' kompiti mogħtija lil-livell tal-UE. Jekk niġi kkonfermat, dawn ikunu partijiet ewlenin tal-missjoni tiegħi.

F'konformità mal-obbligu fil-ftehim interistituzzjonali, se naħdem biex niżviluppa aktar il-metodoloġija tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit attwali tal-UE. Bħala parti mit-tħejjija tal-baġit fit-tul futur, f'konformità mar-rekwiżit tar-Regolament Finanzjarju, se nfittex li niżgura li l-programmi u l-attivitajiet jiġu, fejn fattibbli u xieraq, f'konformità mar-regoli rilevanti speċifiċi għas-settur, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u f'konformità ma' metodoloġija xierqa għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri.

Naqbel bis-sħiħ mal-ambizzjoni tal-Parlament Ewropew li jikkunsidra l-perspettivi taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika tal-UE. Irridu nisimgħu mill-qrib ħafna l-ħtiġijiet u t-tħassib taż-żgħażaġh Ewropej li ġejjin minn sfondi differenti, irrispettivament mill-istatus soċjali u ekonomiku tagħhom. Jekk niġi kkonfermat mill-Parlament Ewropew, se norganizza Djalogu ta' Politika maż-Żgħażaġħ fl-ewwel 100 jum tal-mandat, flimkien ma' membri oħra tal-Kulleġġ, u nsegwi dan bi djalogu ulterjuri kull sena.

Fl-aħħar nett, nixtieq nikkonferma li ssodisfajt l-obbligi kollha lejn l-istituzzjonijiet li ħdimt għalihom, inkluż billi żgurajt it-twassil f'waqt u komplut tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji. Bħal fil-mandati preċedenti, jien se nkompili nirrispetta bis-sħiħ kemm il-kontenut kif ukoll l-ispirtu tat-Trattat, b'mod partikolari l-obbligu li naġixxi fl-interess Ewropew u mingħajr ma nirċievi struzzjonijiet. Se naderixxi bis-sħiħ mar-regoli kollha applikabbli dwar l-integrità, l-imparzjalità u l-etika, filwaqt li nonora l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-kunflitti ta' interess. Id-dikjarazzjoni tal-interessi tiegħi hija kompluta u se tiġi emendata f'każ ta' kwalunkwe bidla li trid tiġi rrapportata. Se nevrta kwalunkwe pożizzjoni jew sitwazzjoni li tista' tpoġġi f'dubju l-indipendenza, l-imparzjalità u d-disponibbiltà tiegħi għall-Kummissjoni. Nimpenja ruħi bis-sħiħ li ninforma lill-President tal-Kummissjoni dwar kwalunkwe sitwazzjoni li tista' tinvolvi kunflitt ta' interess fit-tweqqif tad-dmirijiet uffiċjali tiegħi.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?

Liema impenji speċifiċi lest li tiegħu fir-rigward tal-involviment u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet għal inizjattivi leġiżlattivi? B'raba mal-inizjattivi ppjanati jew il-proċeduri attwali, lest tippovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Jekk niġi kkonfermat, bħala Kummissarju għall-Baġit, il-Għieda Kontra l-Frodi u l-Amministrazzjoni Pubblika se nimpenja ruħi bis-sħiħ li ninforma lill-Parlament Ewropew dwar l-azzjonijiet tiegħi u dawk tad-dipartimenti tiegħi. Din hija prekundizzjoni ewlenija għal UE li tiffunzjona tajjeb u effiċjenti. Barra minn hekk, jien se nieħu responsabbiltà politika għall-azzjonijiet fil-qasam ta' kompetenza tiegħi, kif stabbilit fl-ittra ta' Missjoni tiegħi.

L-involviment kostruttiv u f'waqt mal-Parlament Ewropew huwa kruċjali sabiex tinkiseb sjieda politika u jinkisbu riżultati sinifikanti għall-Ewropej. Din il-kooperazzjoni hija saħansitra aktar importanti fil-mandat tal-portafoll tiegħi, minħabba r-rwol tal-Parlament Ewropew bħala awtorità baġitarja u ta' kwittanza, bħala koleġiżlatur (b'mod partikolari għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi tal-UE), u fil-proċedura għall-adozzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

Għal dawn ir-raġunijiet, jekk niġi kkonfermat, se nistabbilixxi relazzjoni ta' ħidma mill-qrib mal-Parlament u l-kumitati rilevanti f'kull fażi tal-proċess tat-tfassil tal-politika kif ukoll id-djalogu politiku. L-approċċ tiegħi se jiffoka fuq skambju effiċjenti u regolari ta' informazzjoni, ibbażat fuq il-ftuħ u l-fiduċja reċiproka. Dawn il-prinċipji huma espressi fil-Linji Gwida Politiċi u fl-ittri ta' Missjoni tal-President von der Leyen, li jenfasizzaw ukoll l-importanza li tissaħħaħ ir-relazzjoni speċjali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Jekk niġi kkonfermat, se nirrispetta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas il-ġdid imħabbar dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Jiena se nimplimenta wkoll bis-sħiħ il-ftehim interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda.

Jiena konxju bis-sħiħ tal-importanza ta' trattament ugwali tal-Parlament u tal-Kunsill fir-rigward b'mod partikolari tal-għoti ta' informazzjoni. Dan mhuwiex biss rekwiżit tat-Trattat, iżda wkoll rekwiżit demokratiku għal Kummissarju li, bħala Membru tal-Kulleġġ, huwa responsabbli quddiem il-Membri eletti direttament tal-Parlament Ewropew.

Jekk niġi kkonfermat, se niżgura l-parteċipazzjoni tiegħi fis-sessjonijiet plenarji, fil-laqgħat tal-kumitati rilevanti kollha u fl-iskambji tat-trilogi. Se nżomm ukoll fluss regolari ta' informazzjoni mal-Presidenti u mal-membri tal-kumitati parlamentari rilevanti. Il-bieb tiegħi dejjem se jkun miftuħ biex jiġu organizzati laqgħat bilaterali u biex issir konsultazzjoni b'mod estensiv dwar kwistjonijiet ta' importanza. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-mistoqsijiet mill-Membri tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħi, se niżgura li dawn jitwieġbu malajr, b'mod preċiż u kostruttiv.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Baġits

Id-diskussjonijiet dwar il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss diġà bdew, u l-UE qed tiffaċċja sfidi bla preċedent. Il-President elett irrikonoxxiet il-ħtieġa għal tiġdid fil-fond tal-baġit tal-UE sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, filwaqt li appellat "għas-semplikità u l-flessibbiltà, il-veloċità u l-enfasi strateġika fl-infiq tagħna" u impenjat ruħha għal proposta għal baġit fit-tul aktar iffukat, aktar sempliċi u li jħalli impatt b'inqas programmi, rabta aktar b'saħħitha bejn ir-riformi nazzjonali u l-investiment u tiġdid tal-finanzjament tal-azzjoni esterna.

Il-mistoqsijiet bil-miktub lill-Kummissarju nnominat għall-Baġit għandhom l-għan li jittfegħu dawl fuq il-konsegwenzi prattiċi ta' dan l-impenn.

3. In-nefqa u l-baġit tal-UE wara l-2027:

Lil hinn mir-rekwiżit li jiġi rimborżat id-dejn tan-NextGenerationEU, il-linji gwida politiċi tal-President elett jelenkaw għadd ta' prijoritajiet ġodda u eżistenti li għandhom jiġu ffinanzjati fil-qafas tal-QFP li jmiss. F'dan il-kontest, x'inhil-valutazzjoni tiegħek tal-ammonti li se jkunu meħtieġa biex jitwettqu l-politiki attwali, jiġu ffinanzjati prijoritajiet ġodda u jiġi rimborżat id-dejn tan-NextGenerationEU?

Dan jimplika tiġdid profond tal-baġit tal-UE lejn baġit fit-tul aktar iffukat, flessibbli, li jħalli impatt u aktar sempliċi. Kif se tkun l-arkitettura tal-QFP u x'inhuma l-implikazzjonijiet prattiċi tal-bidla minn baġit ibbażat fuq il-programm għal wieħed ibbażat fuq il-politika? B'mod speċifiku, dan kif se jaffettwa l-għadd u n-natura tal-programmi ta' nfiq u kif se tiżgura li r-rimborż tad-dejn tal-NGEU ma jnaqqasx il-finanzjament għall-politiki tal-UE?

L-Ewropa tinsab f'era ta' bidla profonda – għas-soċjetà tagħna u għas-sigurtà tagħna, għall-pjaneta tagħna u għall-ekonomija tagħna. Il-ħeffa tal-bidla toħloq sfidi li jistgħu jiġu solvuti biss permezz ta' azzjoni konġunta f'Ewropa magħquda. Il-baġit tal-UE wera li jagħti riżultati fejn huwa l-aktar importanti għaċ-ċittadini tagħna, għall-bdiewa, ir-riċerkaturi, in-negozji u r-reġjuni madwar l-Ewropa u lil hinn minnha. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se nuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tiegħi biex nagħti s-setgħa lill-futur tal-Ewropa bil-baġit tagħna bl-aħjar mod possibbli.

Id-direzzjoni tal-ivvjaġġar hija ċara. Il-linji gwida tal-President elett von der Leyen għall-Kummissjoni l-ġdida 2024-2029 jiddeskrivu l-prijoritajiet u l-isfidi komuni tagħna għall-futur. Dawn ivarjaw minn prosperità u kompetittività sostenibbli sad-difiża u s-sigurtà, mill-appoġġ għan-nies u t-tisħiħ tas-soċjetajiet tagħna u l-kwalità tal-ħajja, sal-ingranaġġ tal-Ewropa globali tagħna biex niddefendu d-demokrazija u l-valuri. Il-baġit tal-UE jaqsa il-prijoritajiet kollha u se jirrikjedi sforz ta' tim mill-istituzzjonijiet kollha. Irrid inkun ċar: Insib id-distinzjoni bejn "qadim jew ġdid", "tradizzjonali jew modern" kompletament artifiċjali — hemm biss ħtiġijiet u prijoritajiet Ewropej, li għalihom il-baġit għandu jirrispondi bl-aktar mod effiċjenti.

Filwaqt li nqis dawn l-elementi kollha, nemmen bis-sħiħ li l-isfidi li għandna quddiemna jeħtieġu baġit ambizzjuż tal-UE fid-daqs u t-tfassil. Biex inkunu "Kummissjoni tal-Investiment", neħtieġu arkitettura finanzjarja aktar effiċjenti u li tħalli impatt għall-Unjoni. Il-baġit tal-UE jrid ikun l-ixprun biex jiġi sfruttat il-finanzjament privat u istituzzjonali u tiġi żgurata l-koerenza mal-baġits nazzjonali, inkluż permezz ta' kofinanzjament, biex jitwettqu l-prijoritajiet tal-UE. Dħul imsaħħaħ u modernizzat, b'mod partikolari permezz ta' riżorsi proprji ġodda, se jkun essenzjali għall-kapaċità tal-baġit tal-UE li jilħaq l-oġettivi komuni tagħna. Barra minn hekk, il-bidu tal-ħlas lura tad-dejn tan-NextGenerationEU se jkollu jitqies kif xieraq.

Il-qafas finanzjarju pluriennali attwali pprova l-bażi proprja biex jiġu indirizzati l-ħafna sfidi li l-UE esperjenzat f'dawn l-aħħar snin, anke bis-saħħa tal-appoġġ tal-Parlament Ewropew. Madankollu kixfet ukoll nuqqasijiet strutturali fil-kapaċità tagħha li tirrispondi malajr għal prijoritajiet u ħtiġijiet ġodda, minħabba l-kumplessità u r-riġidità tagħha.

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se nimpenja ruħi li naħdem mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri lejn baġit futur adattat għall-ambizzjonijiet tagħna: aktar iffukati, aktar sempliċi, u li jħallu aktar impatt.

Iffukati. Se nippromwovi baġit ibbażat fuq il-politika biex nilħqu l-oġettivi tal-Unjoni tagħna. F'termini prattiċi, dan ifisser baġit li jappoġġa l-beni pubbliċi Ewropej u l-effetti konsegwenzjali pożittivi biex nilħqu l-għanijiet komuni tagħna, b'mod partikolari d-difiża u s-sigurtà, il-prosperità u l-kompetittività sostenibbli, u d-demokrazija u l-ġustizzja soċjali. Dan jeħtieġ inqas programmi, aktar iffukati, u pjan għal kull pajjiż li jorbot ir-riformi ewlenin mal-investiment immirat lejn fejn l-azzjoni tal-UE hija l-aktar meħtieġa. Dan jirrikjedi l-koordinazzjoni, u f'xi każijiet, l-adattament tal-politiki u l-għodod differenti tagħna biex nilħqu l-oġettivi tagħna. Pereżempju, dan se jinkludi politika msaħħa ta' koeżjoni u tkabbir b'reġjuni fiċ-ċentru, imfassla bi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali hija s-sinsla ta' Ewropa magħquda. Biex insaħħu l-kompetittività u l-koeżjoni tal-UE, jeħtieġ li nadattaw il-politiki u l-għodod tagħna għall-isfidi speċifiċi tal-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom, li għandhom ikunu involuti mill-qrib fit-tfassil tagħhom, u nsaħħu r-rabta bejn l-investimenti u r-riformi biex jitravmu s-sinerġiji. Baġit ibbażat fuq il-politika huwa adattat sew biex jippromwovi l-innovazzjoni u l-inġenwità fl-Ewropa. Ir-riċerka u l-innovazzjoni, ix-xjenza u t-teknoloġija huma fiċ-ċentru tal-ekonomija tagħna. Jeħtieġ li noħroġ mis-saħħiet sħaħ tal-Ewropa bħala mutur tal-innovazzjoni. Fond Ewropew għall-Kompetittività se jipprovdi l-kapaċità ta' investiment biex jappoġġa setturi strateġiċi kritiċi għall-kompetittività tal-UE. Se tkun immirata lejn il-ħtiġijiet tal-ekonomija u tal-kumpaniji tagħna, billi tibda bl-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju tagħna, u b'hekk tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati kwistjonijiet identifikati fir-Rapport ta' Draghi.

Aktar sempliċi. L-aċċess għall-fondi tal-UE għandu jkun faċli u rapidu għall-benefiċjarji, jekk irridu nagħmlu differenza fil-ħajja tan-nies. L-infiq tal-UE huwa mifruq fuq wisq programmi, li wħud minnhom jiffinanzjaw l-istess tip ta' azzjonijiet iżda b'rekwiżiti u diffikultajiet differenti biex il-finanzjament jiġi kkombinat b'mod effettiv. Kif indikat fir-rapport ta' Draghi, "fejn l-UE tonfoq kollettivament, l-effettività tagħha hija mxekkla mill-frammentazzjoni, il-kumplessità u r-riġidità". Għalhekk, se nippromwovi inqas programmi, aktar iffukati, kif ukoll regoli u proċeduri aktar sempliċi għall-aċċess għall-fondi tal-UE. In-negozji, l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, l-istudenti, ir-riċerkaturi u r-reġjuni tagħna m'għandhomx għalfejn jinnavigaw sistema kumplessa ta' strumenti multipli. L-aċċess għall-informazzjoni, regoli ta' eliġibbiltà sempliċi u prevedibbli, u ċirkwiti ta' rispons dwar il-proċeduri tagħna huma elementi ewlenin biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament tal-UE.

Iħallu aktar impatt. Kull euro li jintefaq permezz tal-baġit tal-Unjoni jrid jagħmel differenza. Il-baġit tal-UE jista' jikkontribwixxi aktar għall-ingranaġġ u għat-tneħħija tar-riskju tal-kapital privat, bl-appoġġ tal-banek promozzjonali, fi priżma l-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment. Dan ser ikun importanti wkoll fil-qasam tad-difiża, fejn ser naħdmu mal-Istati Membri u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana. B'mod aktar ġenerali, ingranaġġ aħjar fuq il-baġit tal-UE se jkun fattur ewleni biex jiġi sfruttat il-finanzjament meħtieġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Bl-istess mod, finanzjament imġedded tal-azzjoni esterna se jippromwovi sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku, li jagħmlu l-appoġġ aktar b'impatt u mmirat għas-sħab tagħna kif ukoll aktar allinjat mal-interessi strateġiċi tagħna.

Aktar flessibbli. Il-qafas finanzjarju pluriennali attwali għadu mhux adattat biżżejjed għad-dinja tal-lum u ta' għada. Minkejja l-ewwel reviżjoni ta' nofs it-terminu li qatt saret ta' suċċess tal-qafas, din hija l-lezzjoni ewlenija ta' dawn l-aħħar erba' snin. Se naħdem biex inżid il-flessibbiltà tal-baġit. Jeħtieġ li nnaqqsu r-riġidità f'termini ta' baġits strettament definiti minn qabel u ppjanar żejjed tar-riżorsi, biex il-proċedura baġitarja annwali ssir aktar rilevanti u reattiva għall-ħtiġijiet li jinbidlu malajr. Il-Kummissjoni u l-awtorità baġitarja għandhom responsabbiltà kondiviża f'dan ir-rigward. Se nappoġġa bil-qawwa użu aħjar u aktar strateġiku tal-proċedura baġitarja annwali li tista' tindirizza b'mod sinifikanti l-prijoritajiet li qed jevolvu u – xi drabi mhux previsti – il-ħtiġijiet.

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se nimpenja ruħi li nikkonsulta u niskambja b'mod wiesa' mal-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri, qabel il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Nistenna bil-ħerqa li nirċievi l-ideat u l-kontribuzzjonijiet tal-Parlament biex infassal baġit ġdid adattat għall-ambizzjonijiet futuri tagħna.

4. Id-dħul u l-finanzjament tal-baġit tal-UE wara l-2027:

Il-linji gwida tal-President elett ma jgħidu xejn dwar ir-riżorsi lil hinn mill-appell biex “[i]d-dħul għall-baġit tal-UE jissaħħa u jiġi modernizzat”. Fl-ittra ta’ missjoni tagħha, hija tagħmel pass ieħor u titolbok “tesplora s-sorsi kollha ta’ finanzjament”.

Kif se tiżgura finanzjament suffiċjenti u sostenibbli għall-prijoritajiet komuni tagħna? Kif se tagħmel pressjoni fuq il-Kunsill u l-Istati Membri biex jieħdu deċiżjoni dwar il-proposti attwali għal riżorsi proprji ġodda u x’inhil l-alternattiva, jekk dan ma jseħx? L-estimi tad-dħul tal-Kummissjoni kienu li l-proposta emendatorja tagħha tal-2023 dwar ir-riżorsi proprji tista’ tiġġenera EUR 36 biljun fis-sena mill-2028. Tikkonferma din l-istima? Biħsiebek tressaq proposta emendatorja u/jew proposta ġdida? Jekk iva, x’tip ta’ riżorsi proprji ġodda jew sorsi ġodda ta’ dħul se tesplora u x’aġġustamenti se jinvolvi dan għar-riżorsi proprji eżistenti u proposti? Kif se tiżgura li l-baġit ikun ibbilanċjat?

Il-baġit tal-UE dejjem se jkollu jkun ibbilanċjat. Dan huwa rekwiżit tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea L-Unjoni dejjem se tonora l-obbligi finanzjarji tagħha. It-Trattat jirrikjedi wkoll li l-Unjoni tipprovdi lilha nnifisha bil-mezzi meħtieġa biex tilħaq l-oġettivi tagħha u twestaq il-politiki tagħha. Illum, il-baġit tal-UE huwa ffinanzjat minn diversi sorsi, l-akbar wieħed minnhom huwa l-kontribuzzjonijiet nazzjonali bbażati fuq is-schem tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tal-Istati Membri fl-ING tal-UE.

Il-ħlas lura tal-ammonti mislufa taħt NextGenerationEU u l-imgħax relatat se jiġu żgurati bis-siġħ u fil-ħin fi kwalunkwe każ. Dan huwa mingħajr dubju, kif muri mill-klassifikazzjoni AAA għas-self tal-UE.

Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tistabbilixxi żewġ parametri ċari fir-rigward tar-rimborż tas-self tan-NextGenerationEU: l-obbligazzjonijiet kollha se jitħallsu lura kompletament sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2058 u se jonqsu b’mod stabbli u prevedibbli lejn din id-data.

Għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, se niffaċċjaw għażliet ċari: ma jistax ikun hemm, fl-istess ħin, ir-rimborż ta’ NextGenerationEU, l-ebda żieda fil-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-baġit tal-UE, baġit tal-UE adattat għall-ambizzjoni tagħna, u l-ebda riżorsa proprja ġdida.

Huwa b’dan il-ħsieb li l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta’ Diċembru 2020 appella għall-introduzzjoni ta’ riżorsi proprji ġodda sal-2026. Għal dan l-għan, f’Ġunju 2023 il-Kummissjoni ppreżentat il-pakkett aġġustat, li huwa stmat li jipprovdi dħul ta’ madwar EUR 36 biljun (prezzijiet tal-2018) fis-sena mill-2028 il-quddiem. Abbażi tal-istimi eżistenti, il-proposti eżistenti jgħibu d-dħul meħtieġ u jistgħu jiġu implimentati immedjatament. Se jiġu pprovduti stimi aġġornati kull meta jkun meħtieġ.

Ser nagħmel kull sforz biex nagħmel progress f’dan il-qasam, b’mod miftuħ u b’involvement attiv mal-presidenzi tal-Kunsill li jmiss. Iż-żmien huwa qasir ħafna biex jinkisbu r-riżultati, iżda xorta jista’ jsir. Naf li nista’ nserraħ fuq l-appoġġ tal-Parlament Ewropew.

5. Il-prerogattivi u r-rwol tal-Parlament:

Filwaqt li l-Parlament jirrikonoxxi l-ħtieġa għal sempliċità u flessibilità, veloċità u enfasi strateġika fl-infiq tagħna u jinnota, f’dak ir-rigward, l-intenzjoni tal-President elett li tipproponi “baġit ibbażat fuq il-politika, mhux baġit ibbażat fuq il-programmi”, il-prerogattivi tiegħu jridu jiġu rispettati f’konformità mat-Trattati, mal-Ftehim Qafas u mal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta’ Diċembru 2020.

F’dan il-kuntest, kif se tiżgura rispett siġħ għall-prerogattivi, għall-iskrutinju demokratiku u għar-rwol tal-Parlament:

- *bħala koleġiżlatur, b’mod partikolari billi tillimita l-użu ta’ leġiżlazzjoni sekondarja fl-istabbiliment ta’ elementi essenzjali tal-programmi ta’ nfiq tal-UE (bħall-oġettivi ta’ politika, il-kriterji ta’ eliġibilità, eċċ.), u r-rikors għall-Artikolu 122 tat-TFUE u l-proċeduri ta’ urġenza;*
- *bħala fergħa waħda tal-awtorità baġitarja, fl-allokazzjoni tal-baġit annwali għal prijoritajiet politiċi speċifiċi, pereżempju billi tipproponi nomenklatura granulari biżżejjed, biex l-awtorità baġitarja tiegħu deċiżjonijiet infurmati;*

- *fl-iskrutinju tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u l-leġiżlazzjoni rilevanti, inkluż il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità tal-istat tad-dritt, billi tipprovdi informazzjoni regolari, f'waqtha u dettaljata dwar l-implimentazzjoni, sabiex tkun tista' ssir sorveljanza demokratika;*
- *matul il-proċess tal-QFP, pereżempju billi tipproponi miżuri konkreti u arranġamenti ta' ħidma biex tiżgura kooperazzjoni interistituzzjonali, djalogu u informazzjoni regolari u f'waqtha lill-Parlament mill-ewwel jum tal-mandat tiegħek u f'konformità mar-rwol tal-Kummissjoni bħala medjatur onest?*

Il-leġittimità demokratika u r-responsabbiltà huma essenzjali biex tiġi żgurata l-fiduċja pubblika fl-Unjoni Ewropea u fl-istituzzjonijiet tagħha.

Jien impenjat li nsahha il-kooperazzjoni u d-djalogu bejn iż-żewġ istituzzjonijiet tagħna, kemm fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali, il-qafas finanzjarju pluriennali kif ukoll kwalunkwe aspett baġitarju ieħor. Jekk niġi kkonfermat, se nirrispetta u nimplimenta bis-siġħ il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar dixxiplina baġitarja, kooperazzjoni f'materji ta' baġit u għestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda.

F'haġna każijiet, sabiex jingħata rispons adegwat għall-kriżijiet iffaċċjati mill-UE matul l-aħħar mandat, is-sitwazzjoni talbet miżuri finanzjarji eċċezzjonali, li jeħtieġu rikors għall-Artikolu 122 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Kif enfasizzat fil-Linji Gwida Politiċi tal-President, il-Kummissjoni se tkompli tiżgura li r-rikors għal tali għodod ikun limitat għal ċirkostanzi eċċezzjonali, f'konformità mat-termini ta' dik id-dispożizzjoni. Jekk ikun hemm bżonn li nirrikorri għall-Artikolu 122 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għal fajls bħal dawn li jaqgħu fi ħdan il-portafoll tiegħi, jien se nattendu personalment il-laqgħat tal-Parlament mal-Kummissarju għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u t-Trasparenza biex niġġustifika bis-siġħ l-użu tiegħu, b'rispett siġħ għall-proċedura ta' skrutinju baġitarju miftiehma fl-2020.

Għandna l-impenn siġħ taċ-ċittadini tal-UE u tar-rappreżentanti tagħhom favur trasparenza massima rigward il-prestazzjoni tal-infiq baġitarju tagħna u l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-UE, b'mod partikolari kontra l-frodi, il-kunflitt ta' interess u l-ksur tal-istat tad-dritt. Jien se nmexxi personalment il-ħidma tal-Kummissjoni dwar il-proċess annwali ta' kwittanza u nikkoordina r-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew li jaġixxi bħala l-awtorità ta' kwittanza u mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Jien impenjat bis-siġħ għat-trasparenza, biex nippermetti skrutinju sinifikanti tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE fid-dimensjonijiet kollha tiegħu. Naturalment, dan jinkludi l-implimentazzjoni tar-regolament dwar il-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt. Personalment se nara li l-Parlament jinżamm infurmat regolarment dwar kwalunkwe progress fil-proċeduri li jkunu għaddejjin.

Barra minn hekk, baġit aktar sempliċi u flessibbli, b'inqas programmi, itejjeb l-importanza tan-negozjati baġitarji annwali. Konsegwentement, ir-rwol tal-Parlament Ewropew bħala ferġha waħda tal-awtorità baġitarja fl-allokazzjoni tal-baġit annwali għal prijoritajiet politiċi speċifiċi, u li jevolvu malajr, jissaħħa.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se niżgura li l-Parlament ikollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha biex jeżerċita l-prerogattivi tiegħu u jieħu deċiżjonijiet infurmati.

Beħsiebni nikkonsulta u niskambja b'mod wiesa' qabel l-adozzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali futur u naħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew matul in-negozjati biex niżgura ftehim rapidu u f'waqtu. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nipproponi mill-ewwel jiem tiegħi fil-kariga li norganizza djalogu regolari mar-Rapporteurs tal-Parlament dwar il-qafas pluriennali futur, sabiex ikollna l-opportunità ta' skambju ta' fehmiet. Napprezza haġna l-opinjoni u s-suġġerimenti tal-Parlament Ewropew u nistenna bil-ħerqa li ninvolvi ruħek fil-kuntest tal-proposta futura tagħna biex nagħmlu l-aħjar użu mit-tagħlimiet meħuda mill-qafas finanzjarju pluriennali attwali u min-NextGenerationEU. Hija r-responsabbiltà kollettiva tagħna li niżguraw li l-baġit tal-UE li jmiss jaqdi l-oġettivi ta' politika komuni tagħna bl-aktar mod effettiv u effiċjenti.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, dejjem se nippromwovi s-šhubija u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Ewropej. Huwa r-rwol u d-dmir tal-Kummissjoni li taġixxi bħala medjatur onest billi tipprovdi għarfien espert tekniku sod u tiżgura li l-ilħna kollha jinstemgħu u jiġu kkunsidrati. Jien impenjat f'dan ir-rigward li niffaċilita djalogu kontinwu mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill u bejn it-tliet istituzzjonijiet tagħna, f'konformità mal-prerogattivi rispettivi tagħna kif stabbiliti fit-trattati. Ninsab lest li nivvaluta, flimkien mal-partijiet kollha kkonċernati, jekk u kif il-kollaborazzjoni eżistenti tagħna tista' tittejjeb fil-futur.

6. Fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u finanzjament futur ibbażat fuq il-prestazzjoni:

Il-mudell tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jikkostitwixxi bidla sinifikanti fil-finanzjament tal-UE sa fejn l-iżborż tal-fondi jkun ibbażat fuq l-ilħuq tal-miri u l-istadji importanti u mhux marbut mal-kostijiet. Kemm il-QEA kif ukoll il-Parlament indikaw nuqqasijiet serji fil-mudell f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll u t-trasparenza. Mingħajr titjib sinifikanti, dan il-mudell għad tal-implimentazzjoni ma jistax iservi bħala pjan ta' azzjoni għall-infiq futur tal-UE.

Xi jkun l-pjanijiet tiegħek biex ittejjeb il-monitoraġġ tal-infiq tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, speċjalment biex jiġi evitat il-finanzjament doppju, tiġi żgurata t-trasparenza billi jiġu rrapportati r-riċevituri finali tal-fondi u jiġi żgurat ir-rispett tar-rekwiżiti legali nazzjonali u Ewropej? Kif se tapplika t-tagħlimiet meħuda mit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għal faċilitajiet oħra bbażati fuq il-prestazzjoni u x'inhil l-pożizzjoni tiegħek dwar il-ħolqien ta' faċilitajiet futuri bbażati fuq il-prestazzjoni, speċjalment fil-QFP li jmiss? Kif tiżgura li l-mekkaniżmi għall-kejl tal-prestazzjoni jiffukaw fuq ir-riżultati aktar milli fuq l-outputs u jevitaw il-greenwashing? Fl-implimentazzjoni kemm tal-fondi ta' ġestjoni diretta (kif inhu l-każ għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza) kif ukoll tal-fondi ta' ġestjoni kondiviża, x'azzjonijiet konkreti se tiegħu biex tnaqqas b'mod sinifikanti l-piż burokratiku, inkluż permezz ta' żieda fid-diġitalizzazzjoni, u tiżgura li l-fondi tal-UE jiġġeneraw it-tkabbir?

L-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE ssaħħet b'mod sostanzjali maż-żmien. L-appoġġ tal-Parlament Ewropew kien strumentali fit-titjib tar-robustezza tal-indikaturi u fl-istabbiliment ta' mekkaniżmi speċifiċi bħal: oqfsa ta' prestazzjoni fejn l-allokazzjonijiet jitqassmu parzjalment fuq l-oġġettivi milħuqa; l-introduzzjoni ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet bħala possibbiltà għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni u bħala regola taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Soċjali għall-Klima, il-Faċilità għall-Ukrajna jew il-Faċilità għall-Balkani tal-Punent; u orjentazzjoni aktar b'saħħha lejn il-prestazzjoni fil-Politika Agrikola Komuni issa mwettqa permezz ta' Pjanijiet Strateġiċi.

Madankollu, għad hemm ħafna x'wieħed jitgħallem mill-esperjenza tal-passat, kemm f'termini tal-elementi li jaħdmu tajjeb kif ukoll ta' dawk li jeħtieġ li jittejjbu. F'dan ir-rigward, nirrikonoxxi u napprezza r-rwol tal-Parlament u, b'mod partikolari tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-valutazzjoni tal-funzjonament ta' strumenti u programmi differenti bl-għan li jagħmluhom aktar effiċjenti u effettivi, u jipproteġu aħjar l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nqis is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom kif xieraq meta nfassal l-arkitettura tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

Kif imsemmi fit-tweġiba preċedenti, għandna l-obbligu li nimpennaw ruġna bis-siġħ liċ-ċittadini tal-UE u lir-rappreżentanti tagħhom favur trasparenza massima. F'dan il-kuntest, nilqa' b'sodisfazzjon kbir ir-Regolament Finanzjarju rivedut li se jiżgura, mill-2028, il-pubblikazzjoni tad-data dwar ir-riċevituri tal-finanzjament tal-UE għall-baġit kollu tal-UE, għall-modi kollha ta' ġestjoni inklużi programmi bbażati fuq il-prestazzjoni għall-Istati Membri.

It-talbiet tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati għas-simplifikazzjoni huma ġġustifikati bis-siġħ u, jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nirrispondu għalihom. Jeħtieġ li nnaqqsu l-piż amministrattiv għall-benefiċjarji kollha, jiġifieri n-negozji, il-bdiewa, iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li nkomplu niżguraw kontroll effettiv tal-fondi tal-UE. Aktar ma r-regoli jkun kumplessi, aktar ikun għoli r-riskju ta' żbalji fl-infiq. Baġit tal-UE aktar sempliċi u aktar iffukat se jnaqqas ir-riskji ta' żbalji mid-disinn u jsaħħa il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit.

